MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 1040/1996/1

**Ludwig Camilleri**

**Vs**

**Gordon Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur s-somma ta' Lm701.86 (seba mija u lira Maltija u sitta u tmenin centezmu) rapprezentanti danni mill-konvenut lilu kkagunati fl-incident stradali li gara fis-16 ta' Dicembru, 1995 fit-3.00p.m. fi Triq il-Qadi, kantuniera ma' Triq Wied il-Ghajn, Zejtun, waqt li l-konvenut qed isuq karozza numru S-7616 u bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-karozza numru I-2172, propjeta tal-attur u kkagunalha diversi hsarat – ara dokumenti A, B u C annessi mal-avviz u dana prevja d-dikjarazzjoni li l-

konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali riferit.

Bl-interessi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-26 ta’Jannar 1996 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-26 ta’ Jannar 1996 (Dok D) u tal-10 ta’ Settembru 1996 (Dok E) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll d-dokumenti annessi mal-istess avviz (fol 2 sa fol 4 tal-istess atti).

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-istess konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-incident awtomobilisitku, meritu ta’ dina l-kawza, gara minghajr htija jew nuqqas tal-eccipjenti, jew b’kontribut minimu ta’ responsabbilta da parti tal-eccipjent.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, skond ma gie riferit lill-eccipjenti mis-“surveyor” tal-kumpanija assikuratrici d-danni pretizi mill-attur nomine huma ezagerati.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, permezz tal-“affidavit” anness mal-atti a fol 17, xehed li kien qed jsuq f’Triq Wied il-Ghajn, Zejtun, u kif wasal fil-kantuniera ma Triq il-Qadi fejn hemm <u>sinjal ta’ “stop”</u>, hu waqaf u hares kemm lejn il-lemin kemm lejn ix-xellug u meta ra li ma kienux gejjin karozzi, hu dar lejn ix-xellug tieghu fl-imsemmija Triq il-Qadi. Hawnhekk, pero’, tfaccat il-karozza misjuqa minn Gordon Gatt, il-konvenut tielgha in-naha l-hazina tat-triq “<u>cjoe fuq is-side tieghu</u>” u grat il-kollizjoni, avolja iz-zewg sewwieqa ghafsu l-“brake”. In rigward il-karozza l-ohra, din “baqghet titkaxkar xi sittax

il-metru”. In kontro esami, (fol 81 u fol 82 ibid) hu ippreciza li l-konvenut kien qed jsuq ghan-nizla, mill-parti id-dejqa tal-istess triq principali fejn ma kienx hemm karozzi parkeggati u minn fejn jghaddu zewg karozzi.

Ikkunsidrat

Illi, gie esebit l-iskizz maghmul mill-Puliizija in konnessjoni ma’ dan l-incident (ara x-xhieda ta’ PS 711 Anthony Polidano a fol 51 u fol 52 ibid kif ukoll l-imsemmi skizz a fol 53 ibid). Mill-istess dokument jidhru z-zewg toroq hawn fuq imsemmija, b’dik misjuqa mill-attur numru I-2177 tisporgi xi ftit il-barra minn Triq Wied il-Ghajn kif ukoll dik misjuqa mill-konvenut bin-numru S 7610 madwar 16.6 metru boghod minn dik appartenenti lill-attur. Ta’ min jinnota ukoll li gie notat fuq l-istess skizz il-punt tal-impatt ossija habta bejn iz-zewg vetturi, li jidher li kien fuq in-naha tat-triq tal-istess attur.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 57 et seq ibid) jsostni li “Fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm karrozzi pparkeggati liema vetturi pero insaqu l’hemm qabel ma giet il-Pulizja fuq il-post. Jiena kont niezel ghad-dritt u f’daqqa wahda minn naha tal-lemin, hareg Ludwig Camilleri minn dik is-“side street” murija fuq l-iskecc. Hu kompla jghid li kien qed jsuq b’velocita ta’ madwar sitin (60) kilometri fis-siegha Inoltre sahaq li “…… kont dejjem fuq in-naha tieghi tat-triq”. L-istess konvenut ipproduca bhala xhud il-passiggier li kien mieghu meta grat il-habta cjoe Emanuel Cassar (fol 61 u fol 62 ibid). Dan specifika li, fuq in-naha tax-xellug tal-karozza misjuqa mill-konvenut kien hemm, parkeggata ossija wieqfa karozza wahda biss, liema karozza kienet “…harira l-isfel mill-kantuniera ta’ Triq il-Qadi u ohra bl-isem ta’ Triq il-Isqof Galea u kienet , ghadha, fil-post meta gew il-Pulizija.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi in esami jidher li l-unika prova oggettiva u indipendenti f’dan il-kaz, hu l-imsemmi skizz li

bl-ebda mod, ma gie kontestat mill-partijiet involuti. Minn dan jidher car u evidenti, li l-"spot of impact" kien fuq in-naha tat-triq tal-attur. Ghalhekk jidher li gie pruvat li l-konvenut ma kienx qed jsuq fuq il-"proper side of the road" tieghu u l-Qorti ma sabet ebda gustifikazzjoni legali jew ta' fatt ghal dan il-fatt.

Illi mill-istess provi, ma irrisulta xejn sabiex jista' jinghad li l-attur ikkontribwixxa b'xi mod, ghal dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi ma ingiebet ebda prova sabiex tista' tigi akkolta t-tieni eccezzjoni sottomessa mill-konvenut (ara l-imsemmija dokumenti minn fol 2 sa fol 4 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm701.86,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm701.86,0 bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 1996 (ara fol 5 tal-atti) sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-26 ta' Jannar 1996 u tal-10 ta' Settembru 1996.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------